# Il-versatilità fl-kitba ta' Emmanuel Benjamin Vella

Dr. George Cassar B.A. (Educ.), M.Ed., Ph.D.

Ta' min jgħid li meta nitkellmu fuq il-Mosta u l-ġrajjiet marbutin magħha, mill-ewwel tiġi f'rasna persuna partikulari li kiteb, fittex u xtarr dak kollu li hu Mosti. Dan il-kittieb hu Emmanuel Benjamin Vella li ħalla lill-Mostin l-ewwel storja dettaljata u riċerkata li qatt kellha din il-komunità f'nofs il-gżira ta' Malta.

Madankollu E.B. Vella ma kitibx biss fuq raħal twelidu. Kien kittieb versatili u kellu interessi ħafna aktar wiesgħa.

Imma min kien dan E.B. Vella li tant nisimgħu fuqu aħna l-Mostin?

***Profil qasir ta' Emmanuel Benjamin Vella (1899-1946)***

E.B. Vella twieled il-Mosta fl-20 ta' Ġunju 1899. Studja fl-iskejjel elementari tal-gvern u wara li qabad karriera fl-edukazzjoni u sar għalliem, intbagħat St Mary's College, Londra, u hemm kompla tħarreġ fil-qasam edukattiv. Sar kap ta' skola u wara ġie appuntat spettur fl-iskejjel.

Vella kien interessat ħafna fil-lingwi. Għamel xi studji fil-lingwi orjentali fl-Università ta' Londra, barra li studja sewwa l-Ingliż, it-Taljan u l-Malti. Sar awtur prolifiku billi ppubblika numru ta' kotba.

Fil-linja tat-tagħlim Vella ma kienx biss uffiċjal mad-Dipartiment ta' l-Iskejjel. Għamel il-parti tiegħu fil-pubblikazzjonijiet għat-tfal meta fis-snin tletin ħarġet sensiela ta' kotba għall-iskejjel bl-isem ta' *Ġabra ta' Ward* – li baqgħet tintuża fl-iskejjel sal-bidu tas-sebgħinjiet. Ħaseb ukoll għat-tagħlim ta' l-għalliema prospettivi u għal dan il-għan kiteb *The Teaching of English in our Primary Schools*.

Barra l-qasam tat-tagħlim, Vella kien ukoll midħla ta' l-istorja u l-arkeoloġija ta' Malta. Baqa' magħruf għall-istudji tiegħu fuq numru ta' lokalitajiet f'Malta. Nistgħu nsemmu l-kotba *Ħaż-Żabbar u l-Ġrajja Tiegħu* (1926); *Iż-Żejtun u Marsaxlokk* (1930); *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha* (1930); *Storja ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien* (1932); *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha* (1934) u *Storja tar-Rabat u l-Imdina* (1945).

Fil-qasam arkeoloġiku Vella studja l-fdalijiet ta' l-antikitajiet li kienu jinsabu fil-Mużew Nazzjonali u mar fuq is-siti Neolitiċi u ta' perjodi bikrin oħra biex hekk ikun jista' jarahom mill-qrib. Kien jagħti xi taħdidiet u jmexxi l-ħarġiet kulturali fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni u t-Tempji Neolotiċi ta' Ħal Tarxien.

Miet qasir il-għomor fil-Mosta nhar it-2 ta' Mejju 1946 u ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, ir-Raħal il-Ġdid.

***Vella bħala kittieb edukatur***

Kif rajna, Vella kien kittieb prolifiku. Il-pinna tiegħu marret minn tema għal oħra u minn ġeneru għal ieħor. Imma, forsi l-ewwel u qabel kollox Vella kien edukatur. Mhux biss dan kien ix-xogħol, il-professjoni tiegħu, imma kien jagħmel minn kollox biex it-tagħlim jasal għand il-poplu permezz tal-kotba u permezz ta' l-għalliema li hu kien jgħin biex iħarreġ.

Fost il-pubblikazzjonijiet li Vella daħal għalihom, ħareġ sensiela ta' kotba li ħafna li llum għandhom ċerta età jiftakruha sew għax min jaf kemm użawha għal-lezzjonijiet tal-qari fl-iskola, u kienet is-sett ta' kotba bl-isem *Ġabra ta' Ward*. F'din is-sensiela, li ħarġet l-ewwel darba bejn l-1930 u l-1935, Vella pprova jiġbor tagħlim varju mill-aspetti tal-ħajja Maltija

u barranija u jgħaddih lill-istudenti fl-iskejjel Maltin. Waħda mill-istejjer b'tagħlima kienet 'Qlub ta' Aħwa' u fiha jidher ċar kif Vella kien iwassal il-messaġġ tal-valuri tajba u nobbli liċ-ċittadini futuri ta' Malta tiegħu.

Lezzjoni 20

***Qlub ta' Aħwa***

Dwardu u Lina kienu jiġru wara xulxin fis-sala. Dwardu laqat mejda u kisser važett sabiħ u jiswa ħafna flus li kien xtara missieru jumejn qabel.

"Aħrab, Dward," qaltlu Lina, "għax issa jiġi l-papà għalik." Hekk għamel tassew Dwardu, filwaqt li Lina bdiet tiġbor il-bċejjeċ tal-važett mill-art.

Il-missier, li kien fil-kamra l-oħra, meta sama' l-ħoss, mar jara x'ġara.

Hemm isib lil Lina tiġbor il-bċejjeċ tal-važett, u billi ma ra lil ħadd iżjed fis-sala, ħaseb li hi kienet li kissret dak il-važett, li kien mhux ftit għal qalbu.

"Issa nħallsek, Lina, talli kissirtu," qal il-missier b'leħen aħrax.

Lina ma qalet xejn, għax kienet lesta biex tieħu l-kastig hi u teħilsu lil Dwardu.

Dwardu, li kien moħbi u jisma' kollox, ma felaħx jara lil oħtu sejra tieħu l-kastig li kien jistħoqq lilu. X'għamel? Ħareġ minn fejn kien, mar quddiem missieru u qallu:

"Pa, dak il-važett jien kissirtu, għalhekk agħti lili l-kastig u mhux lil Lina li ma hix ħatja."

Missieru, meta ra hekk, faħħar lil waħda u ħafer lill-ieħor, u qal li, għalkemm tilef važett sabiħ, sab ħwejjeġ isbaħ fiż-żewġt iqlub ta' Dwardu u Lina li b'ebda flus ma kien jista' jixtri.

(Meħuda minn ***Ġabra ta' Ward*** – *L-ewwel ktieb,* Oxford University Press, Londra, 1934, impressjoni riveduta 1970, pp. 36-37.)

***Vella bħala kittieb patrijottiku***

E.B. Vella kien ukoll Malti li kellu jbaqbaq ġewwa fih demm art twelidu. Kien iħobb immensament lil Malta tiegħu u dak kollu li kellu x'jaqsam magħha. Dan kien jidher ċar fl-interess tiegħu fil-poplu Malti. Kien jidher ukoll fl-għarfien kontinwu ta' dak li għaddiet minnu Malta matul is-sekli. Dan il-patrijottiżmu jinftiehem aktar meta niftakru li Vella għex matul l-ewwel parti tas-seklu għoxrin meta kien imdawwar b'ħafna kittieba oħra li ħassew l-imħabba lejn Malta b'mod qawwi u li dan ġie espress fix-xogħlijiet tagħhom. Insemmu lil Dun Karm Psaila, lil Ninu Cremona, lil Ġużè Muscat Azzopardi, u tant oħrajn li kienu jaraw fil-Maltin poplu bi storja, tradizzjoni u identità tagħhom, u tagħhom biss.

Waħda mill-kitbiet patrijottiċi ta' E.B. Vella saret fl-1930, fl-okkażjoni tat-8 ta' Settembru li għal Malta hu jum importanti u nazzjonali. Jiġi ċċelebrat fost kollox b'diskors kommemorattiv. Hekk kien spiċċa Vella meta kien ġie magħżul biex jagħmel dan id-diskors fl-1930.

***Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir u tar-Rebħa tat-8 ta' Settembru***

U biex nurikom x'kien ifisser għall-istati ta' l-Ewropa l-Assedju ta' Malta, huwa biżżejjed insemmi l-ewwel it-talb qawwi, u mbagħad il-ħajr li sar mhux biss mill-pajjiżi tal-qrib tagħna imma saħansitra mill-Ingilterra taħt ir-Reġina Elizabbetta.

Hekku mmela l-ħidma ta' din artna fl-istorja tal-Fidi u taċ-Ċiviltà; hekku r-rabta' ta' kbir kontinent max-xorti ta' daqsxejn ta' blata! Kemm hu tassew ta' min ifaħħar lil dina

Malta, li fis-seklu sittax, uriet iktar minn żmenijiet oħra kemm ta' qabel u ta' wara, li hija l-"Gżira Mqaddsa tal-Mediterran"!

Il-bniedem iktar iħoss in-niket mill-ferħ, jgħodd bis-siegħat il-ħin li jagħmel fid-dwejjaq u t-tbatija filwaqt li jinsa kollox meta jkun fil-hena u t-tgawdija. Hekk ukoll jiġri minn ġnus sħaħ. B'danakollu l-verità tibqa' waħda u l-istorja ma titbiddilx. Dak li rrid nifhem jien huwa li n-nazzjonijiet ta' l-Ewropa tal-lum, li huma l-werrieta ta' dawk ta' l-imgħoddi, ma għandhom jinsew qatt il-ġid li din id-daqsxejn ta' gżira switilhom fl-Assedju l-Kbir.

U jekk ir-Rebħa tat-8 ta' Settembru 1565 għandha tgħaqqad il-ħsibijiet tal-ġnus ta' l-Ewropa tal-lum ma' dawk ta' dak iż-żmien, kemm iktar għandha tgħaqqad lilna l-Maltin ma' misserijietna li, bħalma rajna, ta' qalbenin kbar baqgħu mdendlin mas-swar imġarrfa u msoqqija bid-demm, biex isalvaw il-Fidi tagħna u l-Art ta' twelidna. Kemm tassew dan il-jum għandu jkun minqux fl-qalb u fil-moħħ tal-Maltin, li kif kiteb l-imsemmi Porter, "għandhom sa din is-siegħa biex jiftaħru u jħossu ruħhom ferħanin u mkabbrin bil-għamil nobbli ta' misserijiethom fl-1565".

Għalhekk liema tkasbira jkun qiegħed jagħmel lil din il-biċċa art, imqaddsa bl-iġsma tal-martri ta' l-Assedju l-Kbir, li qegħdin jistrieħu f'dan iċ-ċimiterju ta' ma' ġenbna, f'din il-Knisja monumentali ta' San Ġwann, kemm ikun qiegħed iżeblaħ lil dawk il-ħafna "Gwerriera li ħadd ma jaf min huma" jekk qatt jinsab xi ħadd fostna li ma jqisx li dan il-jum huwa għalih jum ta' għaqda, jum ta' ferħ, jum nazzjonali!

U meta dan il-jum jorbotna ma' dawk misserijietna fit-tbatija ta' l-Assedju u fil-glorja tar-Rebħa tat-8 ta' Settembru ta' tliet mija u ħamsa u sittin sena ilu, għandu iktar u iktar jgħaqqadna ma' xulxin il-lum fil-ftehim u fl-imħabba, biex bħala familja waħda u nazzjon wieħed, bi ħsieb wieħed u qalb waħda nistgħu ngħajtu:

VIVA L-GŻIRA MQADDSA TAL-MEDITERRAN!
VIVA L-ART TA' TWELIDNA!
VIVA MALTA!

(Meħuda minn ***Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir u tar-Rebħa tat-8 ta' Settebru 1565*** – *Diskors li sar fil-Festa Nazzjonali ta' l-1930 fil-Pjazza tal-Monument tar-Rebħa, Valletta,* Empire Press, Malta, 1930, pp. 16-19.)

### *Vella bħala riċerkatur*

Madankollu, ma nistgħux ninsew qasam ieħor li fih Vella kien jeċċella. Dan kien il-qasam tar-riċerka. E.B. Vella kien delettant kbir ta' l-arkeoloġija u l-istorja ta' pajjiżna. Kien imur fuq il-post u jfittex, jgħarrex u jniżżel dak li jara. Kien ukoll iqalleb fid-dokumenti u fil-kitbiet fuq dawn is-suġġetti. Vella kiteb numru ta' kotba fuq lokalitajiet Maltin u fihom inkluda dak kollu li kellu l-ħila jsib sa żmienu. Fost il-kotba l-aktar għeżież għall-Mostin żgur li hemm wieħed li ma tistax tinsieh. Dan hu *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha* li Vella ppubblika fl-1930. Fih ġabar l-istorja tiegħu tal-Mosta u tar-Rotunda li kienet u għadha l-mimmi t'għajnejn il-Mostin, kif żgur xejn inqas kienet ta' Vella nnifsu. Fil-kitba fuq il-Mosta tħoss dik l-imħabba, kultant entużjasta żżejjed, ta' wieħed li qed jikteb fuq suġġett li jħobb u jħobbu sew. Vella qabad il-ħajja Mostija u flieha minn kull lat. Għedna li kien iħobb ukoll l-arkeoloġija u dan ma jistax ma jidhirx fl-aqwa tiegħu f'dan l-istess ktieb li semmejna. Mill-pubblikazzjoni *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha* jkun xieraq li nisiltu parti mir-Raba' Taqsima li fiha jikkummenta fuq l-ipoġew magħruf bħala Ta' Bistra, u li f'dawn il-jiem qed jiġi rrestawrat u kkultivat permezz ta' proġett ta' l-Interreg IIIA ta' Unjoni Ewropea bl-isem ta' CULTEXCHANGE, wara seklu ta' telqa minn meta dan is-sit tal-perjodu nisrani bikri kien ġie mikxuf fl-1891 minn F. Vassallo.

### *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha*

L-aħħar u l-ikbar katakombi li nafu bih madwar il-Mosta qiegħed fil-għalqa Ta' Bistra. Tarah maqtugħ fil-blat fuq idek ix-xellugija hekk kif timxi madwar 220 pass 'il fuq ma' dik it-telgħa wieqfa tat-triq li minn San Ġużepp tat-Tarġa tiġbed għal San Pawl tal-Qliegħa u r-Rabat. Il-għalqa li qiegħda fiha jgħidulha tal-Għerien, kif dawk li ma jifhmux isejħu lill-oqbra kollha maqtugħin fil-blat.

Bejn għalqa u oħra jidher ħajt tal-blat li qiegħed iħares fit-tramuntana, u billi l-post qiegħed fuq ħotba (254 pied minn wiċċ il-baħar) minn hawn tidher veduta sabiħa ta' l-art baxxa quddiemu; u l-baħar fil-bogħod mill-Gżejjer ta' San Pawl sal-Krejten. Il-wiċċ ta' dan ix-xifer tal-blat, għal tul ta' 127 jarda sħaħ huwa 'l hawn u 'l hemm imħaffer bl-oqbra. Aħna għaddejna daqs 44 daħla għal dawn l-oqbra. Biċċiet minnhom huma oqbra weħidhom li kollha qegħdin tnejn jew tliet piedi 'il fuq minn wiċċ l-għalqa ta' taħt; imma hemm ukoll oħrajn li magħmulin, biex ngħidu hekk, bħal oqbra tal-familja.

Fil-għalqa l-baxxa hemm kuritur ta' 27 pied tul, 5½ pied għoli u 3½ wisa'. Fil-ġnub tiegħu għandu maqtugħin ħofor sbieħ bi ħnejjiet żgħar, u oqbra magħmulin għal tnejn min-nies. Ġo fih stess, fuq il-lemin, hemm daħla ta' 11-il pied tul minn mnejn tidħol għal qabar ieħor.

Jisgħobbina li ma nistgħux nitkellmu sewwa fuq l-oqbra kollha għaliex ma humiex imħammlin mill-ħaġar u t-trab li fihom. Ikollna ngħidu li dan il-katakombi kellu dehra wisq oħra kbira u sabiħa u li tħassret bil-qtugħ tal-blat, li ma kullimkien jidher. Dan hu aktarx il-għaliex ma jidhrux dawk il-wesgħat għal-laqgħat bħalma hemm fil-katakombi ż-żgħar li tkellimna minnhom qabel, u bħalma hemm f'dawk tar-Rabat.

Minn dak li fadal jidher, nistgħu ngħidu li dawn l-oqbra huma xogħol tard, ngħidu aħna tar-IV jew V seklu W.K. u l-qatgħa tagħhom hija isbaħ mill-istess katakombi tar-Rabat. Rajna xi ħwejjeġ, wieħed minnhom gandelabru mill-istess blat għal musbieħ li ma jidhru f'ebda katakombi oħra fil-gżira. Meta dan il-katakombi jitħammel sewwa l-Mostin ikollhom tifkira ta' żmien ir-Rumani mill-isbaħ li għandna f'Malta.

(Meħuda minn ***Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha,*** Empire Press, Malta, 1930, edizzjoni miżjuda 1972 / 1986, pp. 50-51.)

### *E.B. Vella imfakkar fil-Mosta*

Il-Mosta ħasset li għandha tibqa' tiftakar f'dan il-personaġġ Mosti u għalhekk issemmiet triq għalih. Fit-tarf ta' l-istess triq twaqqaf ukoll monument ad unur E.B. Vella fl-1997, xogħol ta' l-iskultur Ġanni Bonnici, permezz tat-tħabrik tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Kien imbagħad fl-1998 li l-Iskola Primarja 'B' issemmiet għalih biex hekk ukoll E.B. Vella jibqa' għal dejjem marbut ma' l-edukazzjoni, vokazzjoni li kienet tant magħġuna ma' ħajtu.



*Il-mafkar għal E.B. Vella maħdum minn Ġanni Bonnici u li qiegħed fit-tarf tat-triq li ġġib isem Vella stess.*